

31989D0004

7.1.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 5/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-21 ta' Diċembru 1988****fuq il-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd**

(89/4/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi Kumitat Konsultattiv għas-sajd kien stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 71/128/KEE tal-25 ta' Frar 1971 ⁽¹⁾, liema test ġie mibdul permezz tad-Deċiżjoni Nru 73/429/KEE tal-31 ta' Ottubru 1973 ⁽²⁾;

Billi, bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-Komunità, huwa meqjus xieraq li jinbidlu r-regoli li jiffissaw it-tqassimi tal-postijiet fuq dan il-kumitat;

Billi, barra minn hekk, it-test tad-Deċiżjoni fuq imsemmija teħtieġ ċertu alterazzjonijiet minuri u għalhekk huwa neċessarju, għal raġunijiet ta' ċarezza, li tiġi prodotta verżjoni kompletament ġdida tat-test,

IDDEĊIEDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tad-Deċiżjoni 73/429/KEE li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għas-Sajd hija mibdula b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Kumitat Konsultattiv għas-Sajd għandu jkun assoċjat mal-Kummissjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-kategoriji ekonomiċi li ġejjin: produttori u koperattivi fl-industrija tas-sajd, istituzzjonijiet ta' kreditu involuti fis-sajd, kummerċjanti tal-prodotti tas-sajd, l-industriji tal-prodotti tas-sajd, u l-konsumaturi ta' l-industriji tal-prodotti għas-sajd u tas-sajd.

Artikolu 2

1. Il-Kumitat jista' jiġi konsultat mill-Kummissjoni fuq kull problema li għandha x'taqsam mal-mod kif joperaw ir-Regolamenti dwar il-politika komuni tas-sajdu b'mod partikolari fuq il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni taħt dawk ir-Regolamenti kif ukoll fuq kull problema soċjali li tqum fl-industrija, bl-eċċezzjoni ta' tilwim industrijali.

2. Il-president tal-Kumitat jista' jindika lill-Kummissjoni li jkun aħjar jekk jiġi konsultat il-Kumitat fuq kull kwistjoni li tidħol fl-ambitu ta' kompetenza ta' dan ta' l-aħħar meta l-parir tiegħu fuq dik il-kwistjoni ma tkunx intalbet. Huwa għandu

jagħmel dan, b'mod partikolari, fuq it-talba ta' wieħed mill-kategoriji ekonomiċi rappreżentati.

Artikolu 3

1. Il-Kumitat għandu jikkonsisti minn 45 membru.

2. Il-postijiet fil-kumitat għandhom jitqassmu kif ġej:

- 21 lir-rappreżentanti tal-produttori tal-prodotti tas-sajd,
- tlieta lir-rappreżentanti tal-koperattivi tas-sajd,
- wieħed lir-rappreżentant tal-banek kummerċjali li jiffinanzjaw attivitajiet marittimi (*Banques commerciales pour les activités maritimes*),
- tnejn lir-rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet speċjalizzati ta' kreditu ta' natura koperattiva,
- ħamsa lir-rappreżentanti tal-kummerċ fil-prodotti tas-sajd,
- ħamsa lir-rappreżentanti ta' l-industriji tas-sajd,
- ħamsa lir-rappreżentanti tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd u l-prodotti tas-sajd,
- tlieta lir-rappreżentanti tal-konsumaturi.

Artikolu 4

1. Membri tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fuq proposti minn dik is-sengħa, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema stabbiliti fuq livell Komunitarju li jirrapreżentaw l-aktar il-kategoriji ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 1(2); ir-rappreżentanti tal-konsumaturi għandhom jinħatru fuq proposti mill-Kumitat ta' Konsulenza tal-Konsumaturi.

Dawk il-korpi, sabiex jintela' kull post, għandhom jipproponu l-ismijiet ta' żewġ kandidati ta' nazzjonalità differenti.

2. Iż-żmien ta' kariga għall-membri tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin. Il-ħatra tagħhom tista' tiġġedded. Il-membri m'għandhomx jitħallsu għas-servizzi tagħhom.

Wara li jagħlqu t-tliet snin, il-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jinbidlu jew sakemm il-ħatra tagħhom tiġi mġedda.

Iż-żmien ta' kariga ta' membru tista' tintemm qabel iż-żmien ta' tliet snin f'każ ta' mewt jew riżenja.

Tista' tintemm ukoll jekk il-korp li jkun qiegħed jiġi rappreżentat minn dak il-membru jitlob li huwa jinbidel.

Persuna għandha tiġi maħtura, skond il-proċedura stabbilita fl-paragrafu 1, biex tibdel dak il-membru għal bqija taż-żmien tal-kariga.

3. Lista tal-membri tal-Kummissjoni għandha tiġi ppublikata mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' informazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 68, ta' l-1.3.1971, pġ. 18.

⁽²⁾ ĠU L 355, ta' l-24.12.1973, pġ. 61.

Artikolu 5

Il-Kumitat, permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti, għandu jaħtar president u żewġ viċi-presidenti għal perjodu ta' tliet snin.

Bl-istess maġġoranza ta' voti l-Kumitat jista' jaħtar uffiċjali oħra minn fost il-membri l-oħra. F'dak il-każ, daww l-uffiċjali, ħlief il-President, għandhom jikkonsistu minn mhux aktar minn rappreżentant wieħed għall kull kategorija ekonomika rappreżentati fil-Kumitat.

L-uffiċjali għandhom jippreparaw u jorganizzaw ix-xogħol tal-Kumitat.

Artikolu 6

Fuq talba ta' xi waħda mill-kategoriji ekonomiċi rappreżentati, il-president jista' jistieden persuna delegata minn dik il-kategorija biex tassisti għal-laqgħat tal-Kumitat. Fuq tali talba, jista' wkoll jistieden xi persuna li għandha kwalifikazzjoni speċjali f'xi suġġett fuq l-aġenda biex tiegħu sehem f'kapaċità esperta fid-deliberazzjonijiet tal-Kumitat. L-esperti għandhom biss jieħdu sehem f'diskussjonijiet fil-kwistjonijiet li jinneċessitaw il-preżenza tagħhom.

Artikolu 7

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jassistuh fit-twettiq tax-xogħol tiegħu.

Artikolu 8

1. Il-Kumitat għandu jiġi msejjaħ mill-Kummissjoni u għandu jiltaqa' fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni. Laqgħat ta' l-uffiċjali għandhom jiġu msejja mill-president permezz ta' arranġament mal-Kummissjoni.

2. Rappreżentanti tad-dipartimenti konċernati tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat, ta' l-uffiċjali u tal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

3. Servizzi segretarjali għall-Kumitat, l-uffiċjali u l-gruppi ta' ħidma tiegħu għandhom jiġu provduti mill-Kummissjoni.

Artikolu 9

Il-Kumitat għandu jiddiskuti l-kwistjonijiet li l-Kummissjoni talbet opinjoni fuqhom. L-ebda vot m'għandu jittieħed.

Meta tfittex l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi terminu ta' żmien li fih għandha tingħata l-opinjoni.

Il-fehmiet espressi mill-kategoriji ekonomiċi varji rappreżentati għandhom jiġu inklużi f'rapport li għandu jintbghat lill-Kummissjoni.

Fil-każ li l-Kumitat jilħaq ftehim unanimu fuq l-opinjoni li għandha tingħata, il-Kumitat għandu jifformula konklużjonijiet konġunti u jehmiżhom mar-rapport.

Artikolu 10

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 214 tat-Trattat, meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opinjoni mitluba jew id-domanda li tqajmet hija dwar kwistjoni ta' natura kunfidenzjali, il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu taħt obbligu biex ma jiżvelawx l-informazzjoni li jkunu saru jafu biha permezz tax-xogħol tal-Kumitat jew tal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

F'dawn il-każijiet, membri tal-Kumitat u rappreżentanti tad-dipartimenti kkonċernati tal-Kummissjoni biss jistgħu ikunu preżenti għal-laqgħat."

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 1988.

Magħmulha fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kummissjoni

António CARDOSO E CUNHA

Membri tal-Kummissjoni